MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Numru 147/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Walter Spiteri)**
**(Sp. Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Mark (Mark-Anthony) Parretti ta’ 26 sena, iben Henry Joseph u Mary nee Mifsud, mwieled Pieta’ fil-11 ta’ April, 1976, temporanjament fil-hanut bl-isem ‘Candy Corner’, Triq Bergamot, Mosta u li ghandu l-karta tal-identita’ bin-numru 260876 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mark (Mark-Anthony) Parretti li gie akkuzat talli nhar is-6 ta' Frar, 2003 ghall-habta tas-2.00 ta' wara nofsinhar waqt li kien Haz-Zabbar, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li ma jaf ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat li l-imputat irregistra Ammissjoni fi stadju bikri u zamm ferma l-Ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Qieset li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija.

In vista ta' l-ammissjoni tieghu u wara li rat l-art 110(2) tal-kap 9 issibu hati ta' l-istess.

Dwar il-piena in vista ta' dak premess rat l-Art 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum.

Tibghat l-atti lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------